MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 1/2010

**Carmelo Saliba**

**Vs**

**Joseph Camilleri u Francis Ghirxi fil-kwalita' tieghu ta' editur tal-gurnal "L-Orizzont"**

Il-Qorti,

Permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Jannar 2010 l-attur talab li prevja d-dikjarazzjoni illi l-kontenut ta' artiklu bl-isem *"Stil Gdid ta' Tmexxija fiz-Zebbug"* pubblikat fil-gurnal *"L-Orizzont"* tal-15 ta' Dicembru 2009 hu malafamanti u talab li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu dik is-somma li tigi likwidata mill-qorti u li ma tkunx izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu euro (€11,646.87).

Permezz ta' risposta prezentata minn Joseph Camilleri (fol. 7) fid-9 ta' Frar 2010 iddikjara:-

1. Fil-kitba de quo m'hemm ebda ngurija lejn l-attur izda biss fatti li jigu ppruvati u fehmiet – dritt rikonoxxut f'socjeta li tqim tassew il-liberta tal-espressjoni.
2. Il-ligi tal-istampa ma tippremettix tifsiriet "imgebbda" biex lil xi kitba tinghatalha tifsira li ma jarahiex l-average reader.
3. Fi kwalunkwe kaz l-artikolu in kwistjoni ikkostitwixxa *"fair comment"* permissibbli f'socjeta' demokatrika specjalment meta l-istess Sindku taz-Zebbug, Ghawdex jifforma parti min partit politiku, li fuq il-karru tieghu ikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill Lokali. Oltre dan l-istess materja hija ta' interess pubbliku u bl-ebda mod ma ittellef jew tnaqqas mir-reputazzjoni jew gieh tal-attur u bl-ebda mod ma tingurjah.

Rat ir-risposta ta' Francis Ghirxi (fol. 11) prezentata fit-2 ta' Marzu 2010 fejn qieghed jeccepixxi:-

1. L-esponenti, fil-kwalita' tieghu ta' editur tal-gurnal *l-Orrizont* m'ghamel xejn hlief li ppubblika fil-harga *de quo* l-ittra tal-konvenut Camilleri sabiex b'hekk zamm lill-qarrejja, b'mod fidil, mgharrfa b'affarijiet kurrenti u ta' interess pubbliku u dan sar bla ebda *animus injuriandi* versu l-attur.
2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-artikolu de quo huwa biss value judgement u jikkonsisti f'fair comment, dwar kwistjoni ta' interess pubbliku, liema kummenti huma accettabbli f'socjeta' demokratika kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Fl-itta li ntbaghatet lill-Editur tal-gazzetta L-Orrizont u li get pubblikata fil-harga tal-15 ta' Dicembru 2009 jinghad li:-

- L-attur bhala sindku taz-Zebbug, Ghawdex *"….beda jmexxi l-laqghat bi stil gdid li jixbah dak dittatorjali."*.
- Fil-laqgha tal-24 ta' Novembru 2009 tressqu 19 il-proposta mill-attur u hu u l-kunsillier Refalo *".... gejna*

*kompletament injorati u s-Sindku kien pront ghadda l-lista lis-segretarja ezekuttiva biex din twettaq dak li approvaw huma.”*.¨

- *“Oggetti li gew approvati dakinhar bi stil dittatorjali u arroganti diga’ bdew jinxtraw mis-Sindku nnifsu minghand min irid hu u minghajr ebda stima u/jew kwotazzjoni……”*.
- Hemm min qieghed japprofitta ruhu minn fuq il-kunsill minghajr ma jsemmi min huma dawn il-persuni.

Permezz ta’ sentenza li nghatat illum din il-qorti ddikjarat li artiklu kwazi identiku li gie pubblikat fil-gazzetta Kullhadd tal-20 ta’ Dicembru 2009, hu malafamanti u kkundannat lill-Joseph Camilleri u lill-editur sabiex ihallsu s-somma ta’ mija u tletin ewro (€130). Sabiex tigi evitata ripetizzjoni bla bzonn il-qorti qeghda *mutatis mutandis* tapplika l-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet f’dik is-sentenza ghal dan il-kaz. F’dan il-kaz jigi osservat li Camilleri kompla zied id-doza meta ghalaq l-ittra bid-dikjarazzjoni: *“Viva min qed jerda’ minn fuq il-kunsilli !”*. Il-qorti m’ghandix dubju li minkejja dak li xehed Camilleri, ir-riferenza hi ghall-attur fis-sens li bhala sindku qieghed jaghmel affarijiet irregolari fit-tmexxija tal-kunsill.
Ghalkemm l-editur isostni li kull ma ghamel kien li sempliciment ippubblika ittra li rcieva minghand Camilleri, ma jfissirx li ma jgorrx responsabbilta’ taht l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248). Editur ta’ gazzetta li jircievi ittra li timmalafama persuna m’huwiex immun mir-responsabbilta’ jekk jaghzel li jippubblika l-ittra fil-gazzetta. L-editur facilment seta’ jaghmel l-accertamenti tieghu dwar dak li kien sehh fil-laqgha tal-24 ta’ Novembru 2009, apparti li ma nghatat l-ebda prova li agixxa xjentement (Artikolu 25 tal-Kap. 248). Il-gazzetti m’ghandhomx jippubblikaw ittri mibghuta lill-editur minghajr ma jezaminaw sew il-kontenut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u filwaqt li tiddikjara li l-ittra li giet pubblikata fil-gazzetta L-Orrizont tal-15 ta’ Dicembru 2009 taht it-titlu *“Stil gdid ta’ tmexxija fiz-Zebbug”* hi malafamanti, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma komplessiva ta’ mitt ewro (€100) bhala danni.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti u bl-imghax mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------